**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**Vs**

**Silvio Agius**

Kaz Numru: 480/2011

Illum 11 ta' Jannar 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Silvio Agius ta' 40 sena, iben Philip u Giovanna nee' Baldacchino, imwieled Pieta' fl-10 ta' Dicembru 1970 u joqghod 17, Padre Pio, Triq Dun Karm Psaila, Haz-Zebbug, detentur tal-karta tal-identita' b'numru 43271(M):

Talli nhar it-12 ta' Marzu 2011 bejn is-6am u t-8am gewwa vapur bl-isem Eurocargo Malta marbut fil-fond Labattery Wharf sitwat f'Kordin Rahal Gdid ikkommetta serq ta' video camera ghal valur ta' madwar 129 ewro minn trailer numru TR422 liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, persuna u lok li sar ghad-detriment ta' Sandro Mallia.

Ukoll talli fl-istess cirkustanzi u zminijiet wara f'dawn il-gzejjer, xjentement xtara jew laqa' ghandu hwejjeg misruqa,mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan isir Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod iehor li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom liema oggetti huma video camera.

B'hekk kiser il-kundizzjonijiet moghtija lilu mill-Qrati tal-Magistrati Malta nhar l-20 ta' Mejju 2009 mill-Magistrat Dr L. Quintano LL.D.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Rat li l-kaz thalla ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat jinsab akkuzat bir-reati ta' serq, ricettazzjoni u li wettaq reat waqt il-perjodu operattiv ta' liberta' kundizzjonata.

Illi dan il-kaz imur lura ghat-12 ta' Marzu tas-sena 2011. Dakinhar Jesmond Grima fil-kapacita' tieghu ta' *ship's operation supervisor* ma' Labattery Wharf, Rahal Gdid irrapporta l-Ghassa tar-Rahal Gdid li trailer bin-numru TR422 li kien ghadu kif wasal mill-Eurocargo Malta ghall-habta tas-6am kellu s-sigilli miksurin u xi affarijiet minn go fih neqsin. L-ispettur Zammit flimkien mas-surgent 1257 nizlu fuq il-post u kellmu lill-kuntrattur Ranier Xuereb - li huwa importatur ghan-nom ta' Lidl Supermarket - li min-naha tieghu qalilhom li meta ccekkja t-trailer meta kien gie mill-vapur kien innota li s-sigilli kienu miksurin u kien hemm madwar disa' (9) camcorders tal-marka Silvercrest ghal valur ta' €129 il-wiehed neqsin. Mill-verifiki li twettqu jirrizulta li l-vapur intrabat ghal habta tas-6am u s-sur Xuereb sab l-affarijiet neqsin ghal habta tat-8am. Il-pulizija kellmet lill-kaptan u xi ufficjali ohra u saret tfittxija fil-kabini tal-vapur u ma nstabet l-ebda *res furtiva*.

Sussegwentement, l-Ispettur kien gie infurmat li wiehed mill-haddiema tax-xatt li kien ghadu kemm kien qieghed jahdem fuq il-vapur kien gie mwaqqaf fuq il-vapur u kellu wiehed mill-camcorders li kien jikkorrispondi ma' dawk tat-trailer li kienu neqsin. Dan il-haddiem tax-xatt kien l-imputat u meta kien twaqqaf kien qal li dak il-camcorder kien gabulu xi wiehed Taljan. L-imputat dakinhar kien ma' certu George Ciantar meta inqabad hiereg minn fuq il-vapur li min-naha tieghu ma kellu xejn.

L-imputat kien gie investigat rigward is-serqa mit-trailer. Huwa kien cahad li kien sgassa t-trailer u ma kellu l-ebda komplici mieghu u li ma kien jaf xejn fuq is-serqa li kienet saret. Huwa kien ta l-camcorder lill-Ispettur u rrilaxxja zewg stqarrijiet.

George Ciantar li huwa manager tal-haddiema tax-xatt ikkonferma li l-imputat kien *port worker* fiz-zmien tal-akkadut. Xogholu huwa *lashing* u *unlashing* tax-xoghol tat-trailers u dan ifisser li fizikament huwa jitla' fuq il-vapur. Naturalment dan ix-xoghol jitwettaq mhux biss minn individwu wiehed izda minn diversi.

PS 1257 Conrad Ellul xehed li kien mar fuq il-post u kellem lil Ranier Xuereb. Ra t-trailer inkwistjoni u li kienet infethet il-bieba fejn sabu disa' kaxxi tal-kartun imqattghin. Sabu li kien hemm seba' camcorders neqsin. Telghu permezz ta' *forklifter* biex jaraw fejn kienu l-camcorders u jispjega li dawn apparti li kienu go kaxxi, il-pallets kienu mghottija bil-plastic u raw li l-plastic kien imqatta'. Saret tfittxija fuq il-vapur u waqt li kien fuq il-vapur gie infurmat mic-*chief mate* Giovanni Zampino li waqt li kien qieghed gewwa u l-port workers kienu hergin ingibdet l-attenzjoni ta' wiehed minnhom u nstab li gol-basket kellu camcorder li kienet ghadha gol-kaxxa. Wara li ghamel il-verifiki necesarji rrizulta li dan il-*port worker* kien l-imputat. Ghalhekk ix-xhud cempel lill-imputat u qallu biex imur l-ghassa. L-imputat mar u ha mieghu l-camcorder ghaliex basar ghalfejn kien baghat ghalih. L-ispjegazzjoni moghtija mill-imputat kienet li kif jitrakka l-vapur mal-moll jitilghu l-haddiema tax-xatt u jnehhu c-cimi u c-cineg minn mal-kontejners. Ra kaxxa tal-kartun li kienet ghadha intatta u li kienet go kaxxa tal-injam u qallu li kieku ma hadhiex hu kien jehodha haddiehor.

F'dawn il-proceduri xehed ukoll George Ciantar li kien fuq il-vapur mal-imputat dakinhar tal-akkadut. Xehed li kien hemm il-kartun f'kaxxa u kien hemm camera go fih. Din il-camera kienet fil-kaxxa tal-ghodda tal-vapur li fiha jitfghu c-cineg. Huwa ra lill-imputat jigbor il-kaxxa li fiha kien hemm il-camcorder u tefaghha fil-basket u hargu 'l barra u laqghu persuna.

Meta imbaghad xehed Sandro Mallia (li jmexxi kumpanija li ghandha t-trailers bhala proprjeta' taghha izda l-merkanzija li kienet fit-trailer kienet proprjeta' tal-Lidl) jikkonferma li nstabu xi oggetti neqsin pero'

l-valur preciz taghhom ma kienx jaf kemm hu. Jixhed li l-camera li giet ritornata lilu x'aktarx ma tiswiex aktar minn mitt euro.

L-imputat Silvio Agius ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri. Huwa jikkonferma li kien xoghol fid-data indikata. Xehed li waqt li kien fuq il-vapur ghaddej b'xogholu nnota li go kaxxa fejn jitfghu l-ghodda kien hemm kaxxi tal-kartun imqattghin u ra din il-video camera. Qabadha u ghamilha gol-basket tal-plastic u kien hiereg il-barra biha. Huwa xehed li sar jaf wara li gabar il-camcorder li fuq il-vapur kien hemm trailer li kien gie sgassat.  In kontro-ezami jikkonferma li kieku l-pulizija ma baghtutux ghalih ma kienx jirritorna l-camcorder. Din ix-xhieda bazikament tirrifletti l-istqarrijiet rilaxxjati mill-istess imputat.

Illi minn dawn ir-rizultanzi jemergi li l-imputat jammetti li huwa sab il-kaxxa li fiha kien hemm camcorder u li gabarha minn fuq il-vapur. Fit-trattazzjoni tieghu l-abbli difensur tal-imputat sostna li l-imputat kien lest jammetti ghal *theft by finding* izda mhux ghall-imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu.

Illi kif inhu maghruf erba' elementi tar-reat ta' serq huma dawk tal-*"contractatio dolosa di cosa altrui, fatta invito domino",* li jiffurmaw parti mid-definizzjoni klassika tal-Carrara[1] u li giet addottata konstantement mill-Qrati taghna. Il-hames element ta' dan ir-reat huwa dak li l-Carrara jidentifika bhala *"l'animo di farne lucro"* jew l-*"animus lucrandi"*. Fis-sentenza Il-Pulizija vs. John Galea et deciza fit-30 ta' Jannar 2003, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) irriteniet is-segwenti:

*"Issa kif gie dejjem ritenut mill-Qrati Taghna l-intenzjoni li taghmel xi qliegh tikkostitwixxi l-intenzjoni specifika tar-reat tas-serq. L-element intenzjonali ta' dan ir-reat ma jikkonsistix biss fl-intenzjoni li wiehed jiehu l-oggett , imma ukoll li dan isir bl-intenzjoni li jsir xi qliegh. Kif jghid il-CARRARA [op.cit. Vol. IV , para. 2035]:-*

*"il dolo specifico del furto consiste nell'intenzione di procurarsi un godimento o piacere qualunque coll'uso della cosa altrui." U*

*"per lucro qui non s'intende un' effettiva locupletazione ma qualsiasi vantaggio o soddisfazione procurata a se stesso."*

[1] Programma, Parte Speciale, Vol. IV, para 2017.

*u l-CRIVELLARI jghid :-*

*"L'elemento intenzionale nel furto non si costruisce gia' col solo animo di prendere ma coll'animo di lucrare.*

*Il-Professur Sir Anthony Mamo [Notes on Criminal Law, 1958 , Vol. II , p. 305] jispjega hekk :-*

*"The special malice of theft consists in the intent to procure a benefit or satisfaction whatever from the thing belonging to others (lucri causa). Thus "lucrum" in this connection does not mean an actual gain or profit in terms of money but any advantage or satisfaction procured to one's self ... ..."*

*u l-MAINO fil-"Commento al Codice Penale" Libro II, Titolo X , para. 1843 jghid:-*

*"il profitto ... ... deve intendersi cosi' nel senso di lucro potenziale e possibile e di lucro non soltanto materiale , ma nell'ampio senso della parola."*

*u aktar ' isfel :-*

*"... ... per lucro o profitto nel furto si intende non soltanto il lucro borsuale che puo ritrarsi dalla cosa rubata vendendola , oppure un effettivo aumento del patrimonio del ladro, ma qualunque godimento o piacere, qualunque sodisfazione procurata a se stesso."*

*Umbaghad il-CASSAZIONE ta' Ruma ukoll irriteniet li :-*

*"Per lucro va inteso qualsiasi vantaggio illecito che si tragga o si proponga di trarre materialmente dalla cosa rubata." [21, Novembre , 1916 - Bollett Pen. 1917, p..140]*

*Il-Professur Mamo izid jelabora [op.cit.]*

*"..it suffices that the purpose of deriving a gain in the above sense existed in the intention of the agent; it is not required for the completion of the crime that such gain shall have in fact been realised*
*... ... Indeed even where the gain has failed to be realised by reason of a voluntary act of the thief himself (e.g. because he restores the thing ) ... ... the crime of theft juridically continues to subsist, inasmuch as the "animus lucrandi" was present at the time of appropriating the thing. Restitution of the thing or compensation operates only in mitigation of punishment in certain cases."*

Illi mill-provi prodotti din il-Qorti tqis li dan huwa kaz ta' serq u mhux sempliciment *theft by finding* kif sottomess mid-difiza. Mhux kontestat li l-imputat huwa haddiem tax-xatt u fid-data tal-akkadut kien diga' jahdem bhala tali ghal diversi snin. Huwa ghalhekk konsapevoli tal-fatt li fit-trailers ikun hemm il-merkanzija. Dan mhux kaz fejn bniedem sab oggett f'post pubbliku u ma rritornahx. Dan huwa kaz fejn haddiem sab kaxxa tal-kartun li fiha kien hemm oggett li solitament ma jkunx jinstab barra mit-trailer u allura l-intenzjoni tal-imputat ma setghetx tkun hlief wahda u cioe' li jiehu xi haga li ma kinitx tappartjeni lilu ghal godiment tieghu. Kien evidenti li dak l-oggett ossija l-camcorder kienet tappartjeni lil min kien importa l-merkanzija. L-affermazzjoni tal-imputat kienet li jekk ma jehodhiex huwa kien jehodha haddiehor.

Stabilit dan ghalkemm gie ppruvat li l-imputat ikkommetta serq, madankollu ma giex ippruvat li kien huwa li sgassa t-trailer u kwindi l-aggravju tal-mezz mhux ippruvat. Inkwantu ghall-aggravji l-ohra jinsab ippruvat li l-imputat huwa *port worker* u li s-serq twettaq fuq bastiment u kwindi dawn l-aggravji gew ippruvati.

Huwa evidenti li t-tieni imputazzjoni inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni.

Inkwantu ghat-tielet imputazzjoni giet ezebita s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-20 ta' Mejju 2009 fejn il-konnotati tal-imputat huma identici ghal dawk tal-imputat odjern. L-imputat kien instab hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu izda bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta gie lliberat bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat iehor fi zmien 30 xahar. Meta r-reat twettaq mill-imputat dan il-perjodu kien ghadu operattiv u kwindi kiser il-kundizzjonijiet moghtija lilu permezz ta' din is-sentenza.

Illi inkwantu ghall-piena din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi : in-natura tar-reat, ic-cirkostanzi tal-kaz, il-fedina penali tal-imputat li mhix wahda allarmenti u l-fatt li rritorna *res furtiva*. Tqis li m'ghandhix timponi sentenza ta' prigunerija u lanqas li titratta mal-imputat ghat-tielet imputazzjoni.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti filwaqt li ma ssibx lill-imputat hati tal-aggravju tal-mezz inkwantu ghall-ewwel imputazzjoni u kif ukoll tat-tieni imputazzjoni u ghaldaqstant tilliberah minnhom, wara li rat l-artikoli 20, 261(d)(e), 268(d), 269(e), 281(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet l-ohra migjuba fil-konfront tieghu izda bl-applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht ordni ta' probation ghal zmien sena.

Inoltre' taghzel li ma titrattax mal-imputat ghal-ksur tal-liberazzjoni kundizzjonata.

Il-Qorti fissret lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza u jekk huwa ma jobdix l-ordnijiet moghtija lilu mill-ufficjal tal-probation.

Tordna komunika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation u Parole.

Dr Josette Demicoli LL.D
Magistrat